# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1124/2012/1 JRM**

**Joseph Cini**

**v.**

**Muscat Motors Limited (C 420)**

Il-Qorti:

1. Permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob ħlas ta' €20,670 kummissjonijiet allegatament lilu dovuti fuq bejgħ ta' vetturi meta kien impjegat mal-konvenuta. Il-konvenuta eċċepiet li qatt ma daħlet fi ftehim bħal dan u li l-azzjoni hi preskritta.

2. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet din l-espożizzjoni tal-fatti kif irriżultawlha:

> "Illi n-nuqqas ta' qbil li jirriżulta bejn il-partijiet f'din il-kawża jsib l- għeruq tiegħu fil-fatt li l-impjieg tal-attur mal-kumpannija MAS kien f'xi żmien mhedded li jintemm qabel il-waqt. Kemm hu hekk, it-tmexxija ta' MAS ma baqgħetx kif kienet u seħħ ristrutturar fejn l-impjieg tal-attur tqiegħed f'fergħa oħra fi ħdan il-grupp, jiġifieri mal-kumpannija mħarrka;
>
> Illi l-attur kien ilu jaħdem ma' MAS għal numru twil ta' snin, u meta sar it-tibdil fiż-żewġ kumpanniji, huwa kien qed joqrob lejn iż-żmien tal-irtirar (kien għad fadallu biss xi disa' snin xogħol oħra). Il-qagħda ssoktat tiċċajpar għaliex, ftit taż-żmien biss wara li l-attur ingħaqad mal-kumpannija mħarrka, reġa' sar proċess ieħor ta' ristrutturar. Fost l-oħrajn, id-ditta "Mercury" ġiet assorbita f'ditti oħra li kienu jaqgħu taħt Sales Managers oħrajn. Fid- diskussjonijiet li l-attur kellu mal-General Manager Scicluna, kif wara kollox jirriżulta mill-ittra tat-18 ta' Novembru, 200343, intlaħaq il-ftehim li l-attur (1) jirrapporta lil Sales Manager ieħor fi ħdan l-istess kumpannija, b'hekk il-kariga tiegħu tnaqqset għal dik ta' salesman;
> (2) iżomm il-pakkett finanzjarju li kellu mal-MAS; u (3) kellhom jiddiskutu l-għoti ta' 'sales bonus commission';"

3. B'sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet kemm l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ukoll it-talbiet tal-attur.

4. L-attur appella mis-sentenza. Fis-sustanza, l-aggravji huma li:

> "(1) Ma jistax ikun hemm l-ebda dubju illi l-intenzjoni tal-partijiet fil-każ odjern kienet illi l-attur appellant kellu jħallas *sale bonus commission* ġialadraba dan l-element tal-pakkett finanzjarju ġie speċifikament inkluż fl-ittra tat-18 ta' Settembru, 2003. Barra minn hekk, kif enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet '**Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et**' deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 t'April 1987 m'hemmx dubju "*li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jagħmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti għandhom ikunu nterpretati in bona fede.*"

(2) Ma jista' jkun hemm ebda dubju illi l-pakkett finanzjarju tal-attur appellant effettivament kien jinkludi *sales bonus commission* għaliex kieku ma kienx jinkludi *sale bonus commission* kif kienet tal-fehma l-Ewwel Qorti, dan ma kien jissemma xejn *in the first place*.

(3) Dak li kellu jiġi "*discussed accordingly*" kien il-modalita' u t-termini ta' tali *sales bonus commission*, iżda mhux jekk l-attur appellant kienx intitolat għall-ħlas ta' *sales bonus commission* o meno, għax kieku ma kienx hekk intitolat, tali benefiċċju ma kienx jiġi speċifikament inkluż fl-ittra maħruġa mill-kumpanija konvenuta appellata illi permezz tagħha ġie stabbilit il-pakkett finanzjarju tal-appellant fir-rwol u l-kariga ġdida tiegħu."

5. Il-punti l-iktar importanti li l-konvenuta ressqet fir-risposta tal-appell tagħha kienu dawn:

"6. Jirriżulta bħala stat ta' fatt, illi l-appellant kien impjegat ma' soċjeta' oħra li tifforma parti mill-istess grupp ta' soċjetajiet bħas-soċjeta' appellanta. Dan l-istrutturar kien neċessarju stante illi s-soċjeta' li kienet impjegat magħha kienet għaddejja minn żmien ħażin. Bħala riżultat ta' dan l-istrutturar, l-appellant ġie trasferit lis-soċjeta' appellata. L-appellant ingħata xogħol ta' *saleman* u peress illi din il-kariga kellha pakkett finanzjarju inferjuri għal dak li diġa kellu, huwa ingħata l-għażla illi jew iżomm l-istess pakkett finanzjarju li għandu jew inkella jingħata salarju iżgħar flimkien ma' kummissjonijiet fuq il-bejgħ ta' vetturi. L-appellant għażel li jżomm dawk il-kundizzjonijiet li kellu qabel ma ġie trasferit għal mas-soċjeta' appellanta, u ċioe' salarju ta' livell ta' Assistant Manager u użu ta' vettura mħallas mis-soċjeta' appellata.

....

9. Illi effettivament, il-pakkett finanzjarju li kellu l-appellant kien uniku. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' Henry Scicluna, General Manager tas-soċjeta' appellata, illi xehed "...*għax żamm l-istess pakkett. Kien l-uniku salesman li kellu 'company car' fis-salarju* u ukoll *"Jekk kien qed jaħdem mas-sinjorina li kienet hdejh! Ma kellhiex 'company car', ma kellhiex is-salarju tiegħu, u kien jagħmel ix-xogħol ta' salesman hu."*

10. Illi l-appellant qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq l-imsemmija ittra mogħtija lilu fejn saret referenza għal '*sales bonus commission to be discusses accordingly.*'. illi jrid jingħad, fl-ewwel lok, illi qatt ma ntlaħaq ftehim dwar dan.

11. illi fit-tieni lok, dan l'hekk imsejjaħ *sales bonus commission* ma kienx kummissjoni iżda kien tip ta' *bonus* li ġie kkunsidrat għall-appellant bħala bonus li jingħata fl-aħħar tas-sena. Dan b'kuntrast ma'

kummissjoni illi l-appellant qed jitlob f'din il-kawża liema kummissjoni titħallas lil dawk l-impjegati li jikkwalifikaw għaliha kull xahar flimkien mas-salarju mensili tagħhom. Dan jixhdu Henry Scicluna meta mistoqsi jekk *sales bonus* u kummissjoni humiex l-istess, irrisponda:

"*No, because kieku s-sur Cini kien fi struttura normali fejn jitħallas il-commission on a monthly basis there is no point of writing this letter! This letter was written specifically because Mr Cini had a specific arrangement which was (nerga nirrepeti) iżomm is-salarju li kellu ta' manager plus a company car, ok? Imbghad hawnhekk kont għedtlu 'and then at the current with the said to be discussed accordingly'. Issa the discussion accordingly never took place because Mr Cini never came to me and I never went back to him.*"

12. Illi huwa ferm relevanti, u fatt mhux kuntestat, illi l-istess appelant tul il-perjodu kollu ta' impjieg tiegħu, qatt ma lmenta mas-soċjeta' appellata illi huwa ma kienx qed jirċievi din il-kummissjoni miżjuda mal-paga tiegħu fl-aħħar tax-xahar bħal *sales persons* oħra. Dan l-ilment għamlu biss meta temm l-impjieg tiegħu. Li kieku kien intlaħaq ftehim f'dan is-sens, kieku l-appellant kien jilmenta mas-soċjeta' appellata talli ma tħallasx kummissjonijiet.

.....

13. Illi huwa relevanti ukoll, illi xi tlett snin qabel l-appellant laħaq l-eta tal-irtirar, huwa talab lis-soċjeta' appellata illi jingħata żieda ta' xi għaxar Euro fil-ġimgħa, sabiex jikkwalifika għal pensjoni massima skont il-liġi, l-appellant anke kien offra li jġallashom huwa minn butu. Is-soċjeta' appellata tagħtu żieda li kien talab. Anqas f'dan l-istadju, l-appellant qatt ma semma xi pretensjoni ta' ħlas ta' kummissjoni.

14. Illi l-appellant, sabiex isostni l-argument tiegħu illi huwa kien intitolat għal xi tip ta' kummissjoni, ipproduċa ix-xhieda ta' *sales managers* oħra impjegati mas-soċjeta' appellata biex juri illi dawn jitħallsu kemm salarju għoli kif ukoll kummissjonijiet. Illi bir-rispett kollu, dawn ix-xhieda juru propju kemm l-appellant ma setax kien intitolat għall-kummissjoni stante illi huwa ma kienx *sales manager*, iżda *sales person*, u dak li kien qed jitlob (jiġifieri salarju għoli, użu ta' vettura u kummissjoni) hija rimunerazzjoni li tingħata lil min kien superjur tiegħu fuq il-post tax-xogħol u li għalhekk kellhom responsabilitajiet ikbar minn tiegħu. Fi kwlaunkwe każ qatt qatt ma kien hemm xi qbil li jitħallsu kummissjonijiet.

15. Illi l-punt prinċipali ta' din il-kawża hu illi fil-waqt illi kien hemm diskussjonijiet fil-bidu tar-relazzjoni bejn il-partijiet dwar xi forma ta' varjazzjoni fir-rimunerazzjoni għax-xogħol tal-appellant, ebda ftehim ma ntlaħaq dwar kummissjoni. L-umiku ftehim milħuq kien dak meta, mogħti għażla bejn li jżomm il-pakkett finanzjarju li kellu (u cioe salarju għoli paragunat ma' impjegati oħra bl-istess kariga tiegħu, u użu ta' vettura għas-spejjeż tas-soċjeta' appellata) u li jkollu salarju iżgħar u

kumissjoni mensili marbut mal-bejgħ tal-vetturi, l-appellant għażel illi jżomm il-pakkett finanzjarju li kellu. Dan kien l-uniku qbil bejn il-partijiet.

16. Illi għalhekk jirriżulta ampjament mill-provi prodotti illi qatt ma intlaħaq ftehim ulterjuri dwar ħlasijiet ta' kummissjonijiet.

17. Illi din kienet ukoll l-analiżi tal-Ewwel Qorti illi qalet illi "*meta parti f'relazzjoni jew negozju ġuridiku twiegħed jew tħeġġeġ lill-parti l-oħra biex tiddiskuti proposta, dik il-qagħda ma toħloqx rabta kuntrattwali."* Dan qalitu b'referenza fl-ittra datata 18 ta' Settembru 2003, li l-appellant qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuqha.

18. Illi huwa ċar illi sabiex ikun hemm ftheim, irid ikun hemm minn tal-inqas diskussjoni jew taħdidiet bejn il-partijiet, xi ħaġa illi kif sabet l-Ewwel Qorti, kienet nieqsa ("*Għalkemm, wieħed lanqas jista' jgħid li kienu mqar għaddejjin trattattivi bejn il-partijiet dwar din il-ħaġa."*)

19. Illi s-soċjeta' appellata taqbel illi l-liġi tirrikjedi ili kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fidi. Dan il-prinċipju japplika għall-partijiet kollha.

20. Illi s-soċjeta' appellata dejjem aġixxiet b'bona fidi. Hija kienet trasparenti mall-appellant dwar x'pakkett finanzjarju setgħet toffrilu u aċċettat li jżomm l-istess pakkett finanzjarju li kellu minkejja li kien qed jitħallas iżjed minn *sales persons* oħra li kienu jagħmlu l-istess xogħol bħalu.

21. Illi, semmai, huwa l-appellant illi jidher li ma kienx qed jaġixxi in bona fidi, stante illi wara li kien għażel illi jżomm il-pakkett finanzjarju li kellu qabel ma ġie ttrasferit lis-soċjeta' appellata, illi wara illi għal snin irċieva s-salarju tiegħu (ogħla minn dak ta' *sales persons* oħra), u uża vettura a spejjeż tas-soċjeta' appellata, u dan mingħajr ma qatt ikkontesta b'xi mod in-nuqqas ta' ħlas ta' kummissjonijiet, u illi wara għal snin sħaħ aġixxa b'mod illi indika illi kien aċċetta l-pakkett finanzjarju li effettivament ingħata, kien biss wara li temm l-impjieg tiegħu illi talab il-ħlas ta' kummissjonijiet."

Ikkunsidrat li:

6. Fil-fehma ta' din il-Qorti, qabel ma jsir eżami tal-implikazzjonijiet tal-klawsola "***Sales bonus commission to be discussed accordingly***" wieħed irid jiddermina x'kienu qegħdin jifhmu l-partijiet b' "*sales bonus commission*". Skont l-appellata, il-klawżola tirreferi għal "bonus" li

mhuwiex l-istess ħaġa bħall-*commission* li tingħata għal kull bejgħ ta' vettura. Kif spjegat l-Ewwel Qorti:

> "Il-prassi fil-kumpannija mħarrka kienet li titħallas kummissjoni kull xahar lill-impjegati li jitħallsu paga minima ('*salesmen*') jew lill-*managers*, liema kummissjoni tinħadem fuq somma fissa jew perċentwali fuq il-prezz tal-vettura skond l-għamla tagħha; filwaqt li, min-naħa l-oħra, "*bonus*" jitħallas kull tant żmien u huwa x'aktarx marbut mal-volum ta' bejgħ li l-impjegat ikun wassal sal-port f'medda ta' żmien partikolari."

7. F'parti oħra tas-sentenza, l-Ewwel Qorti qalet ukoll li:

> "Fi kliem il-kumpannija mħarrka, "sales bonus commission" kien jirreferi għal bonus fl-aħħar tas-sena, iżda dan l-arrangament qatt ma ġie diskuss mal-attur u bħala stat ta' fatt, il-kumpannija mħarrka ma ħallset bonus bħal dak lil ħadd mill-impjegati tagħha."

8. Jekk inhu hekk, allura t-talba tal-appellant li jingħata l-*commission* li kienet tingħata lis-*salesemen* taqa' għaliex ma kienx hemm stipulazzjoni dwarha fil-kuntratt tiegħu. Naturalment l-appellant ma' jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni u jisħaq li dik il-klawżola tirreferi għall-*commission* li tingħata mal-bejgħ ta' kull vettura. L-Ewwel Qorti:

> "… fliet bir-reqqa x-xhieda mogħtija u d-dokumenti mressqa fl-atti u sabet li, matul medda ta' żmien ġmielha, kien hemm bosta drabi fejn l-attur kien innegozja l-bejgħ ta' vetturi bħala 'salesman', imma l-kummissjoni ħaduha persuni oħrajn. Min-naħa l-oħra, kien hemm ukoll bosta drabi fejn l- attur reġa' kien is-'salesman' li kien imdaħħal mill-bejgħ ta' għamliet ta' vetturi, u fejn il-kummissjoni wkoll tħallset lil salespersons oħrajn u fejn saħansitra l- kotba tal-kumpannija kienu jindikaw li, għar-rigward ta' kif kellha titqassam il- kummissjoni, "Joe Cini – N/A."

9. U kkonkludiet li:

> "dawk il-provi dokumentali – magħmulin matul żminijiet qabel ma l-attur formalment ressaq il-pretensjonijiet tiegħu dwar il-ħlas tal-kummissjoni u, għalhekk, *tempore insuspecto* – jseddqu t-teżi tal-kumpannija mħarrka li trid li **l-attur kien aċċetta li ma jitħallas l-ebda kummissjoni fuq il-bejgħ ta' vetturi sewwasew għaliex is-salarju tiegħu u l-benefiċċji l-oħrajn li kien igawdi kienu jagħmlu tajjeb għal dan."**

10. Din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tasal għal xi konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha l-ewwel Qorti, ibbażata (i) fuq il-fatt li għalkemm l-attur wara r-ristrutturazzjoni kien jagħmel xogħol ta' *salesman*, kellu pożizzjoni għalih waħdu billi ma kellux il-paga minima biss imma żamm il-pożizzjoni privileġġjata li kellu qabel, konsistenti f'paga ogħla u karozza tal-kumpannija. Is-salarju iktar għoli u l-benefiċċji l-oħra kienu jpattu għall-*commission*; u (ii) fuq il-kondotta tal-partijiet sussegwenti għall-kuntratt li tissufraga l-interpretazzjoni mogħtija mill-konvenuta u mhux dik tal-attur. Ma' dawn iż-żewġ raġunijiet miġjubin mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti żżid raġuni oħra u cjoè (iii) li r-riżerva ta' diskussjonijiet dwar *sales bonus commission* ma kienet tagħmel l-ebda sens li kieku kienet qiegħda tirreferi għall-*commission* li kienet tingħata lis-*salesmens* l-oħra.

11. Tenut kont ta' din l-interpretazzjoni, it-talbiet tal-attur ifallu għaliex jisfaw mingħajr bażi. **L-oġġett tat-talbiet mhuwiex l-oġġett tal-klawsola in kwistjoni**. Din il-Qorti, fil-kunsiderazzjoni tagħha ta' dan l-appell, tista' tieqaf hawn u hekk ukoll setgħet għamlet l-Ewwel Qorti.

12. B'danakollu, l-Ewwel Qorti ressqet raġuni oħra l-għala t-talbiet tal-attur ma kellhomx jintlaqgħu. Permezz tal-ittra tat-18 ta' Novembru, ġie rreġistrat dak li l-partijiet qablu fuqu, kif ukoll dak li ma kienx hemm qbil fuqu (il-bonus). Dwar il-bonus, il-partijiet qablu li jkomplu bid-diskussjonijiet (dik li tissejjaħ *declaration of intent*). L-Ewwel Qorti rraġunat li l-klawsola *sales bonus commission to be discussed accordingly* ma kinitx torbot għaliex:

> "Id-duttrina u f'dak li jirrigwarda l-liġi dwar l-obbligazzjonijiet, huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, **meta parti f'relazzjoni jew negozju ġuridiku twiegħed jew tħeġġeġ lill-parti l-oħra biex tiddiskuti proposta, dik il-qagħda ma toħloqx rabta kuntrattwali.** Kemm hu hekk, jingħad li "*Le trattative, anche nella fase della puntuazione, non vincolano le parti al contenuto dei singoli punti; se le parti intendono vincolarsi, possono subito concludere il contratto sui punti di accordo raggiunti, rinviando ad altra integrazione la conclusione delle parti mancanti. .. .. Percio' la trattativa non è una proposta, né un invito a offrire; e neppure un contratto preliminare con il quale le parti si obbligano a concludere il contratto definittivo, nel futuro. Si discute quindi delle trattative in questa sede solo perché esse precedono, spesso, la formazione del contratto; ma, non esistendo ancora il contratto, non si applicano neppure le norme sui contratti in generale"*.

13. Dan kemm jekk il-klawsola tirreferi għall-*commission* li kienet tiġi mogħtija lis-*salesmen*, kif ukoll jekk le.

14. L-appellant ma jaqbilx ma' dan ir-raġunament. Isostni li dak li kellu jiġi diskuss ma kienx jekk kellhiex tingħata *sales bonus commission* jew le, iżda biss "il-modalita` u t-termini" tagħha. Din il-Qorti ma tistax taqbel

mal-appellant. Is-sens litterali tal-klawsola *de quo* ma jistabbilixxix b'mod inekwivoku li l-partijiet ftehmu li kellu jingħata bonus, imma li kien fadal jiġi stabbilit kif u taħt liema kundizzjonijiet kellu jingħata. "Fid-dubju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni" (Art. 1009 tal-Kodiċi Ċivili).

15. Anke kieku kellha tiġi aċċettata l-interpretazzjoni tal-appellant, xorta waħda ma kienx hemm rabta kuntrattwali dwar "il-modalita` u t-termini". Kif inhu magħruf, kuntratt jinħoloq bl-unjoni tar-rieda taż-żewġ (jew iktar) partijiet fih. Il-Qorti ma tistax timla din il-lakuna billi timponi r-rieda tagħha u tgħid kif kellu jkun il-kuntratt. Wisq inqas tista' timponi l-ħlas tal-*commission* b'rata ddeterminata unilateralment mill-attur, kif l-attur qiegħed jitlob f'din il-kawża. Anzi l-fatt li l-attur qabad u stabbilixxa kemm kellha tkun ir-rata tal-*commission* pjuttost tindika li l-partijiet qablu li jiddiskutu tingħatax bonus (*ossia commission*) jew le, u mhux li qablu fil-prinċipju li kellu jingħata iżda kellhom jaqblu dwar il-"modalita` u t-termini" tiegħu.

16. Tħares minn fejn tħares lejhom, l-aggravji tal-appellant ma jistgħux jirnexxu.

***Decide***

17. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-Ewwel Istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb